KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 65 – IT-TNEJN 13 TA' NOVEMBRU 2023**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
|---|---|---|
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**65.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

65.1.1 Ma kienx hemm.

**65.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

65.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (64) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

64.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 65.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

65.3.1 Ma kienx hemm.

## 65.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

65.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien irċieva komunikat mingħand CEO tal-Primary Health Care li ma jistgħux ikunu parteċipi fl-inizjattiva li qed jipprova jintroduċi l-Kunsill 'Message in a bottle' minħabba dik li sejħitilhom *medicolegal reasons*.

Informa li dan kien proġett maħsub għall-ħarsien tal-kommunità tal-Iklin bil-kollaborazzjoni ta' Lions Club St Paul's Bay. Fakkar li dan il-proġett propost kien ġie diskuss f'waħda mis-seduti tal-Kunsill fejn kien hemm il-kunsens tal-Kunsill biex invaraw dan il-proġett fost il-komunità tal-Iklin.

'Il-messaġġ fil-bott' hu proġett biex jinkoraġġixxi persuni anzjani jew li jgħixu waħedhom iżommu dettalji mediċi personali f'post komuni fejn jistgħu jinstabu malajr f'każ ta' emerġenza. Kull informazzjoni medika tinżamm fil-bott li jiġi pprovdut b'xejn. Il-bott jinżamm fil-friġġ jew, f'każ ta' vettura, fil-kompartiment ta' ħdejn is-sewwieq, biex f'każ ta' emerġenza jinstab malajr.

Il-persuni tal-emerġenza jfittxu dan is-sinjal b'salib aħdar viċin il-bieb ta' barra u l-oħra fuq il-bieba tal-friġġ. Dan hu servizz mingħajr ħlas imħallas minn Lions Club u bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali L-Iklin bil-għan li ngħinu l-membri tal-komunità.

Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill qed jistenna wkoll rispons mis-CEO tal-Isptar Mater Dei u nimxu minn hemm. Ikkonkluda li l-Kunsill ma jistax jitlaq b'dan il-proġett propost jekk ma jkollokx *on board* l-*istakeholders* konċernati miegħek. Aktar żviluppi jingħataw fis-seduti li jmiss tal-Kunsill.

65.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kellu laqgħa mal-Onor. Albert Buttigieg, l-Onor. Julie Zahra, u l-Onor. Av. Janice Chetcuti ġewwa l-Parlament flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-membri tal-Kumitat li twaqqaf ad hoc fejn ġew infurmati

bl-issues industrijali fl-Iklin u l-lokalitajiet ġirien fejn spjega li r-residenti qed jilmentaw dwar dawn l-impjanti li qed jiġġeneraw irwejjaħ mhux pjaċevoli b'detriment għas-saħħa tal-persuna/i.

Ġie pprezentat ukoll ir-rapport xjentifiku li ħejja l-Kunsill u ġew espressi l-konċernament tal-Kumitat ad hoc dwar l-Aġenzija tal-Gvern Environment and Resources Authority li minkejja li ilha tirċievi rapporti u l-ilmenti matul dawn l-aħħar snin riċenti, tibqa ma' tieħu l-ebda forma ta'azzjoni bħala r-regolatur nazzjonali dwar l-ambjent.

Is-Sindku informa li *da parte* tal-Membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti kienu kommessi li ser jassistu lill-Kunsill Lokali L-Iklin billi jippreparaw numru ta' mistoqsijiet parlamentari indirizzati b'mod dirett lill-Onor. Ministri li għandhom id-dekasteri tas-Saħħa u tal-Ambjent. Il-laqgħa kienet waħda pożittiva fejn il-Membri wegħdu l-impenn tagħhom f'din il-kwistjoni.

65.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien laqqa lill-Kumitat ad hoc għall-ewwel laqgħa fil-Kunsill u fejn iddeċiedew li jagħżlu lill-Avukat Dott. Claire Bonello biex tirrapreżenta lil dan il-Kumitat. Kien diskuss il-possibiltà li jinfetaħ Bank Account ġdid li jkun amministrat mill-Kunsill Lokali L-Iklin biex isir *crowdfunding* biex ikunu jistgħu jitħallsu l-ispejjeż legali. Informa li saret ukoll laqgħa ta' introduzzjoni mal-Av. Claire Bonello permezz ta' *videocall*, u fejn ġew diskussi wkoll x'tip ta' azzjonijiet jistgħu jittieħdu u *timelines*.

65.4.4 Is-Sindku Dott Sciberras informa li kellu wkoll laqgħa mal-Onor. Ministru Av. Miriam Dalli ġewwa l-Ministeru fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv u l-membri tal-Kumitat għan-nom tar-residenti tal-Iklin. Is-Sindku għamel introduzzjoni u spjega l-passi li kien ħa l-Kunsill filwaqt li l-membri tal-Kumitat kellhom ukoll iċ-ċans isemmgħu leħinhom u jispjegaw il-konċernament tagħhom. Il-laqgħa kienet waħda pożittiva u l-Onor. Ministru uriet ix-xewqa li ssir laqgħa fl-immedjat ma' CEO mill-Aġenzija ERA biex tiġi ndirizzata din il-problema. Is-Sindku irringrazzja pubblikament lill-Onor. Ministru Dalli li laqgħet it-talba tal-Kumitat biex jiltaqa' magħha dwar din il-kwistjoni. Informa li l-laqgħa mal-Uffiċċjali tal-ERA ġie skedat għal nhar is-27 ta' Novembru fl-4pm.

Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo u l-Kunsillier Bernice Farrugia urew ix-xewqa li jkunu preżenti għal din il-laqgħa.

65.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li wara li l-Kunsill kien iddeċieda li ssir talba formali lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex tikkunsidra u tirrevedi l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq il-Wied minn 30 km/hr għal 50 km/hr, din it-talba ġiet aċċettata mill-Awtorità u l-awtorizazzjoni ħarġet nhar id-9 ta' Ottubru 2023.

## 65.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

65.5.1 Ma kienx hemm.

## 65.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

65.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-12 ta' Ottubru u d-9 ta' Novembru 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (12 October - 9 November 2023)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 355 | 12/10/2023 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq E S Inglott anke fil-parapetti | Settled | 25 Triq E S Inglott | **Sanità** |
| 356 | 12/10/2023 | Bozza iktar mitfija quddiem 12, Triq il-Ħwawar | pending | Triq il-Ħwawar | **Enemalta** |
| 357 | 12/10/2023 | Talba biex jinqata' l-ħaxix fi Triq l-Għaqba, għax l-istudenti qegħdin jimxu f'nofs ta' triq | pending | Triq l-Għaqba | **Cleansing** |
| 358 | 13/10/2023 | Triq il-Wied speed limit | closed | Triq il-Wied | **TM** |
| 359 | 14/10/2023 | Waste collection qegħdin igezzu l-boroż quddiem garages fi Triq K Vassallo | settled | Triq K Vassallo | **Waste Collection** |
| 360 | 14/10/2023 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq Karmenu Vassallo fejn l-għalqa | Settled | Triq K Vassallo | **Sanità** |
| 361 | 16/10/2023 | Ġurdien mejjet fi Triq May Butcher | Settled | Tirq May Butcher | **Cleansing 1718** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 362 | 16/10/2023 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq Richard Taylor u May Butcher | Settled | Triq M Butcher u Triq R Taylor | **Sanità** |
| 363 | 16/10/2023 | Talba għal kinsa f' toroq R Taylor u May Butcher | pending | Triq M Butcher u Triq R Taylor | **Cleansing** |
| 364 | 16/10/2023 | (2) tappieri jħabbtu quddiem Avallone u faċċata Triq il-Plejju għadhom l-istess | pending | Triq il-Wied | **Infrastructure Malta** |
| 365 | 16/10/2023 | Ħaxix kbir fuq il-bankina Triq il-Wied minn fejn Maypole il-fuq, u vilel Jacaranda u Bonnici. Trid tinżel minn fuq il-bankina | pending | Triq il-Wied | **Council** |
| 366 | 14/10/2023 | Road patching in Triq Ġ E Mercer u Triq Ħal Għargħur | settled | Triq Ġ E Mercer / Triq Ħal Għargħur | **Council** |
| 367 | 14/10/2023 | (2) vetturi maħbutin kien ilhom fi Triq il-Wied 'il fuq minn xhar | settled | Triq il-Wied | **Community Police** |
| 368 | 18/10/2023 | Talba biex jitranġa *double yellow line* quddiem garaxx 17, triq il-Mużika | Settled | Triq il-Mużika | **Council** |
| 369 | 18/10/2023 | Talba biex jitnaddaf gutter tal-ilma quddiem 26, Triq il-Ħwawar | Settled | Triq il-Ħwawar | **Cleansing** |
| 370 | 19/10/2023 | Talba biex tinqata' siġra 'Bouganvillae ' fejn 2, Triq in-Namur | pending | Triq in-Namur | **Cleansing** |
| 371 | 19/10/2023 | Talba bex jinqata' l-pal tal-bajtar fejn l-istage taħt Triq Dott. Pawlu Grech fil-By-Pass | pending | Triq Dun Karm | **Council** |
| 372 | 23/10/2023 | (2) bozoz mitfija fi Triq in-Namur | pending | Triq Namur | **Enemalta** |
| 373 | 23/10/2023 | Bozza mitfija quddiem 15, Triq iż-Żebbuġa | settled | Triq iż-Żebbuġa | **Enemalta** |
| 374 | 25/10/2023 | Hemm ġurdien mejjet fi Triq May Butcher | settled | Triq May Butcher | **Cleansing** |
| 375 | 25/10/2023 | Hemm residenta fi Triq May Butcher li qed titma l-qtates u ma' tnaddafx. Allura qed tattira l-ġrieden, hornets u l-insetti. | pending | Triq May Butcher | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 376 | 25/10/2023 | Borza organic inqabżet quddiem 151 Tiq C Busuttil | settled | Triq Ċ Busuttil | **Waste Collection** |
| 377 | 30/10/2023 | Hemm ir-rubble wall ta' Triq San Mikiel fi stat ħażin u jista' jikkollassa minn mument għall-ieħor | pending | Triq San Mikiel | **Email** |
| 378 | 01/11/2023 | Ħiereġ id-drenaġġ mit-tappiera ta' ħdejn ir-roundabout ta' Triq Ġeronimo Abos | Settled | Triq Ġeronimo Abos | **WSC** |
| 379 | 01/11/2023 | Street sweeping upper Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **Cleansing** |
| 380 | 01/11/2023 | Ilment fuq storbju ġej minn loudspeakers mill-iskejjel Naxxar (around @ 14:00) | pending | Triq Enrico Naudi | **COUNCIL** |
| 381 | 06/11/2023 | Ħiereġ id-drenaġġ mit-tappiera ta' quddiem Josies bathrooms fi Triq in-Naxxar | settled | Triq in-Naxxar | **W.S.C** |
| 382 | 06/11/2023 | Bozza iktar mitfija quddiem 29, Triq Razzett L-Aħmar | settled | Triq ir-Razzett L-Aħmar | **Enemalta** |
| 383 | 06/11/2023 | Talba għal bozza ġdida fi Triq ir-Razzett l-Aħmar kif jibda id-dejjaq għax veru kerha fid-dlam. | pending | Triq ir-Razzett L-Aħmar | **COUNCIL** |
| 384 | 07/11/2023 | Bozza mitfija mal-hajt 58, Triq G Galea | pending | Triq Ġużè Galea | **Contractor** |
| 385 | 07/11/2023 | Talba biex tinkines daħla tal-garages fi Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 386 | 07/11/2023 | Hemm xi (8) boroż skart fil-parkeġġ ta' Triq San Mikiel | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |
| 387 | 07/11/2023 | Hemm min qed iħalli boroż tal-iskart organic u boroż suwed fejn hemm plots vojta fi Triq iż-Żebbbuġa | pending | Triq iż-Żebbuġa | **COUNCIL** |
| 388 | 08/11/2023 | Il-ħamrija ta' Pjazza Ninu Cremona fejn għamilna l-bankina nieżla kollha għat-triq. Biex indawru (2) filati ġebel | pending | Pjazza Ninu Cremona | **COUNCIL** |
| 389 | 08/11/2023 | Fi Pjazza Ninu Cremona hemm siġra mejta u l-oħrajn għandhom bżonn żabra. | pending | Pjazza Ninu Cremona | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 390 | 08/11/2023 | Ilment fuq storbju gej minn loudspeekers mill-iskejjel Naxxar (around @ 14:00) | pending | Naxxar | **COUNCIL** |
| 391 | 09/11/2023 | Hemm ħafna ħofor fi Sqaq Giarda | pending | Sqaq Giarda | **COUNCIL** |
| 392 | 09/11/2023 | Din ir-residenta qed tilmenta li t-traffic lights ta' Triq Dun Karm idumu (4) minuti biex jaqilbu. In-nies qed jispiċċaw ma' jistennewx u jaqbdu u jaqsmu. Qalet li mkien m'hawn li jdumu daqshekk. Tissuġġerixxi li l-ħin ta' stennija għandu jonqos | pending | Triq Dun Karm | **TM** |

## 65.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

65.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-krendituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

65.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

65.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Bernice Farrugia u Godwin Catania.

Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Xiri tas-sistema u stallazzjoni ta' CCTV System għall-playing field mingħand il-fornitur SecureTech għall-prezz ta' Eur1,721.62 VAT inkluż;
2. Servizzi tat-tindif, qtugħ tal-ħaxix, u xogħlijiet anċillari għall-kampanja 'The World CleanUp Day 2023 mingħand il-fornitur Charles Mifsud għall-prezz ta' Eur1,895.00 VAT inkluż;
3. Xiri ta' materjali għall-kampanja 'The World CleanUp Day' campaign 2023 mingħand il-fornitur Old Key Ironmongery għall-prezz ta' Eur412.50c VAT inkluż;

## 65.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

65.8.1 Applikazzjoni PA 01304/20 – Road Servicing Ltd, Triq il-Ħwawar, Ix-Xwieki, L-Iklin 'Sanctioning of existing structures and aggregate spaces (including Stone crusher, wieghing scale, pre-1967 structure and area used for stockpiling of matetials). To propose an extension to Stores approved by virtue of PA2530/04 and construction of office space.

65.8.2 Applikazzjoni PA 06564/23 – 12, Yossi, Triq il-Prinjol L-Iklin 'Application to renew PA/7769/18 – Raising of dividing wall at rear of site (upper part with louvered structure) between third party properties.

65.8.3 Applikazzjoni PA 06377/23 – Dylan Apartments, Apartment 2, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin 'To sanction apartment as constructed including minor internal and external alterations variations from PA/02692/14.

65.8.4 Applikazzjoni PA 06502/23 – 132, Triq il-Wied, L-Iklin. 'To sanction minor changes from PA2787/14 (room designation, minor additions and alterations) to residence.

## 65.9 LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

65.9.1 Skont Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Kunsill irid isejjaħ laqgħa annwali sabiex jippreżenta l-estimi finanzjarji qabel il-laqgħa tal-Kunsill li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja 2024.

65.9.2 Kien deċiż b'mod unanimu li l-laqgħa tal-lokalità tinżamm nhar it-Tnejn 4 ta' Diċembru fis-6.00 p.m. ġewwa s-Sala tal-Kunsill fi Triq Dott. Lewis F. Mizzi.

65.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb jipprepara l-avviżi u d-data tal-laqgħa tal-lokalità tiġi ppubblikata fuq il-medja soċjali tal-Kunsill.

## 65.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-SETT 2023

65.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta r-Rapport Finanzjarju li jkopri l-perjodu ta' bejn Jannar u Settembru 2023.

65.10.2 L-Accountant ippreżenta overview and summary, Statement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detialed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position, & Depreciation of Property, Plant, & Equipment.

65.10.3 Id-dħul kollu għal dan il-perjodu kien ta' Eur302,257 filwaqt li l-ħruġ kien ta' Eur315,105. Deficit għal dan il-perjodu kien ta' Eur12,848. Deprezzament fuq PPE kien ta' Eur28,691. L-allokazzjoni finanzjarja għal dan il-perjodu kien ta' Eur239,523. Dħul mill-permessi laħħaq Eur18,188, dħul mis-sistema ta' LES l-ammont ta' Eur1,091.00, dħul mill-Community activities laħħaq l-ammont ta' Eur4,445.00, salary costs Eur76,335, Operations & Maintenance Eur156,687.00, Admin costs Eur53,392.00.

65.10.4 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

65.10.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Bernice Farrugia għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Q3.

65.10.6 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 65.11 KONFERMA TAN-NOMINI FUQ IL-KUMITAT AD HOC DWAR IKLIN INDUSTRIAL ISSUES

65.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fakkar fil-laqgħa riċenti li sejjaħ il-Kunsill għar-residenti biex jiġi ppreżentat ir-rapport xjentifiku li kien ikkummissjonat mill-Kunsill sabiex isir Air Quality Monitoring Report. Dan ir-rapport kien ippreżentat lir-residenti li attendew mill-espert Dr Robert Cortis fejn spejga fid-dettal dan ir-rapport u wieġeb għall-mistoqsijiet tal-preżenti.

65.11.2 Is-Sindku Dott. Sciberras żied jgħid li permezz ta' dan ir-rapport xjentifiku ibbażat fuq perjodu ta' 28 ġurnata fix-xhar ta' Lulju. Żied li biex jagħlaq dan iċ-ċiklu, ried li jsir test ieħor dak li jissejjaħ *active monitoring* fejn dan il-metodu huwa idejali għal *short term monitoring*.

65.11.3 Is-Sindku ikkonkluda li peress li r-reazzjoni tal-preżenti kienet waħda mħallta, fejn kien hemm min saħansitra iddubita minn dan l-istudju xjentifiku, ippropona li jinħatar Kumitat ad hoc minn fost il-preżenti biex jitkomplew id-diskussjonijiet u jibqa jsir monitoraġġ dwar is-sitwazzjoni li qed tinkwieta lil numru ta' residenti fl-Iklin. F'dan l-istadju ġew innominati s-sinjuri Colin Micallef, Stephen McCarthy, Keith Farrugia, u Jenny Stivala biex ikunu fuq dan il-Kumitat biex ikomplu bid-diskussjonijiet mall-Gvern u mall-Aġenziji tal-Gvern bil-għan aħħari li tinstab soluzzjoni. Dan il-Kumitat se jkun qed jitmexxa mis-Sindku bħala chairman.

65.11.4 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Sa Bartolo biex japprovaw lill-membri fuq dan il-Kumitat. *Nem con.*

## 65.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

65.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 4 ta' Diċembru 2023 fil-5.00 p.m.

65.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Diċembru 2023 fil-5.00 p.m.

65.12.3 Is-seduta ġiet fi tmiem tagħha fis-6.35 p.m.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv